MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2006

Numru 625/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**
**V**

**JOSEPH GALDES**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH GALDES** ta' sebgha w tletin sena bin Gawdenz u Giorgina nee Attard, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Marzu 1969 u joqghod 10, Triq San Vincenz de Paule, Hal Luqa, detentur ta' karta tal-identita numru 142769M gie mressaq quddiemha akkuzat fit-tnejn ta' April 2006 u fix-xhur ta' qabel din d-data, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew

minn reati ta’ serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin.

Rat l-atti kollha esibiti fosthom z-zewg istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat nhar t-tnejn ta’ April 2006 u nhar l-ewwel ta’April 2006 esibiti bhala dokument CSH 2 u CSH 3 rispettivament kif wkoll l-okkorrenza relattiva esibita bhala dokument CSH 4.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tal-ghoxrin ta’ Settembru 2006.

Semghet lil posekuzzjoni tiddikjara li l-ghamara kollha misruqa giet ritornata lis-sid legittimu taghha u li s-socjeta ma sofrietx danni materjali.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe meta gew mahlufa l-akkuzi fil-konfront tieghu u b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li hemm registrat fuqha zewg reati li jirrisalu sa mis-sena 2004 dwar ksur tal-Ordinanza tal-ligi tal-VAT u tas-Sanita, meta nghata sentenza sospiza u multa;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz sa mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrijiet tieghu tant li svela minn fejn kien xtara l-ghamara in kwistjoni u dank if stqarret il-prosekuzzjoni fil-verbal taghha tal-ghoxrin ta' Settembru 2006 ;

4. Il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura lis-sid legittmu taghha.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH GALDES hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal sentejn [2] prigunerija sospizi ghal erbgha [4] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------